# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. DR DAVID SCICLUNA LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 19 ta' Mejju 2000**

**Numru 33**

**Mandat Inibizzjoni Numru 2068/97 DS**

Carmelo Fenech
vs
Joseph u Maria konjugi Vella

Illum, 19 ta' Mejju 2000

Il-Qorti,

Rat ir-rikors;

Rat id-digrieti precedenti tat-18 ta' April 1997 u tad-9 ta' Mejju 1997;

Rat id-digriet tat-2 ta' Gunju 1997 li permezz tieghu gie nominat l-A.I.C. Albert Fenech bhala perit tekniku;

Rat ir-relazzjoni minnu mahlufa fil-21 ta' Jannar 2000;

Ikkunsidrat illi:-

Ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni jrid ikun hemm il-konkorrenza tas-segwenti elementi:

(1) ir-rikorrenza ta' wiehed mill-fatti li jinsabu elenkati fl-artikolu 873(1) tal-Kap 12, u cioe` sabiex jitwaqqaf att milli jsir;
(2) li jkun jidher *prima facie* li min jitlob il-hrug tal-mandat ghandu d-dritt li jimpedixxi li ssir xi haga li tista' tirrekalu hsara;

(3) li l-mandat hu mehtieg biex jigi mhares id-dritt tar-rikorrent u mhux semplicement biex jigu evitati danni.

Fil-kaz in ezami r-rikorrent qieghed jitlob li l-intimati jigu inibiti milli juzaw jew ihallu lil min juza parti minn art li tinsab il-Mosta li ghada mhix mibnija li tmiss ma' New Street in Main Street u ma' Conti Manduca Street. Ghalkemm fir-risposta taghhom l-intimati qalu li kellhom il-pussess jew id-detenzjoni tal-porzjon art in kwistjoni, ma gabu l-ebda prova in sostenn ta' dan. Ma ghamlu l-ebda spjegazzjoni dwar id-dokumenti minnhom esebiti bin-nota taghhom tal-5 ta' Awissu 1997. Mill-banda l-ohra r-rikorrent ressaq diversi provi quddiem il-perit tekniku u mill-konkluzjoni minnu raggunta jidher li *prima facie* r-rikorrent ghandu drittijiet fuq l-istess art.

Fir-relazzjoni tieghu l-perit tekniku jghid li "ghalkemm l-bicca art in kwistjoni hija zghira hafna u minnha nnifisha mhux zviluppabbli partikolarment minhabba li fiha jkun irid isir front garden, ghandha faccata twila fuq it-triq li tista' tkun utili hafna ghall-konvenuti (corrige: intimati), jekk mhux ghall-car park li hemm illum, ghall-izvilupp tal-bini li ghad jista''jsir 'il quddiem". Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-hrug tal-mandat hu mehtieg biex jigu salvagwardati d-drittijiet tar-rikorrent.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba u tordna l-hrug ta' l-opportun mandat ta' inibizzjoni.

**Onor. Imhallef David Scicluna**

**D/Registratur**